



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5740/19

LIMITE

WTO 24
MAP 1
MI 62
PREP-BXT 24

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0020(NLE)**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Jannar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 46 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi rigward l-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 46 final.

Mehmuż: COM(2019) 46 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.1.2019
COM(2019) 46 final

2019/0020 (NLE)

Limited

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi rigward l-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi ("il-Kumitat GPA") b'rabta mal-adozzjoni ppjanata ta' deċiżjoni dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit"), mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1 Il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

Il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"¹) huwa ftehim plurilaterali fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) li jimmira li b'mod reċiproku jiftaħ is-swieq tal-akkwisti pubbliċi fost il-Partijiet tiegħu. Il-Ftehim rivedut daħal fis-seħħ fis-6 ta' April 2014.

L-Unjoni Ewropea hija Parti għall-Ftehim billi s-suġġett tiegħu jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, li l-Unjoni għandha l-kompetenza esklussiva dwarha. L-Istati Membri huma koperti bil-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni.

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, innotifika lill-Kunsill Ewropew l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni. B'riżultat ta' dan, ir-Renju Unit se jsir pajjiż terz u d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għalih mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm ma tiġix stabbilita data oħra fi ftehim dwar il-ħruġ bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, jew sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jistabbilixxi data oħra b'mod unanimu. L-Unjoni u r-Renju Unit innegozjaw ftehim dwar il-ħruġ b'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-ftehim dwar il-ħruġ ġie approvat mill-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Novembru 2018. Ir-Raba' Parti tal-ftehim dwar il-ħruġ tipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li fih id-dritt tal-Unjoni jkun japplika għar-Renju Unit u fih ("il-perjodu ta' tranżizzjoni").

Ġie miftiehem Ftehim dwar il-ħruġ bejn l-Unjoni u r-Renju Unit u dan ġie approvat mill-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) fil-25 ta' Novembru 2018. Madankollu, ir-ratifika tiegħu fir-Renju Unit mhijiex ċerta.

Mid-data li fiha jieqaf japplika d-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih, il-Ftehim b'mod awtomatiku ma jibqax japplika għar-Renju Unit.

Huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura li r-Renju Unit jibqa' suġġett għad-drittijiet u l-obbligi skont il-Ftehim mid-data li fiha d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih. Sal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' Stat Membru li jgawdi d-drittijiet kollha u marbut bl-obbligi kollha tat-Trattati, fost dawn il-konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera. Fil-linji gwida tad-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew għaraf il-ħtieġa, fil-kuntest internazzjonali, li jitqiesu l-ispeċifikitajiet tar-Renju Unit bħala Stat Membru li se joħroġ, dejjem jekk jirrispetta l-obbligi tiegħu u jibqa' leali għall-interessi tal-Unjoni waqt li jkun għadu Stat Membru.

¹ Il-Ftehim tal-1994 u l-Ftehim rivedut minn hawn 'il quddiem flimkien jissejju "il-Ftehim" għall-finijiet ta' din il-Proposta.

Ir-Renju Unit esprima x-xewqa tiegħu li jaderixxi mal-Ftehim wara li joħroġ mill-Unjoni.

Permezz tal-ittra konġunta tagħhom tal-11 ta' Ottubru 2017, ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea infurmaw lill-Membri tad-WTO bl-intenzjoni tagħhom li *“jaħdmu flimkien fuq il-mira tar-Renju Unit li wara li joħroġ mill-UE jibqa' suġġett għad-drittijiet u l-obbligi li għandu bħalissa skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi bħala Stat Membru tal-UE abbażi tal-impenji li jinsabu attwalment fl-iskeda tal-impenji tal-UE²”*.

Fl-1 ta' Ġunju 2018, l-Unjoni Ewropea għaddiet ittra lid-Direttur Ġenerali tad-WTO mingħand ir-Renju Unit, li fiha kkomunika l-interess tiegħu li jaderixxi għall-Ftehim u ehmeż id-dokumenti ta' appoġġ, fosthom l-offerta inizjali għall-aċċess tas-suq u t-tweġibiet tiegħu għal-*“Lista ta' kontroll tal-Kwistjonijiet”³*.

L-applikazzjoni tar-Renju Unit, flimkien mal-offerta inizjali tiegħu u t-tweġibiet tiegħu għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet intbagħtu lill-Partijiet għall-Ftehim fil-5 ta' Ġunju 2018⁴.

Wara l-konsultazzjonijiet mal-Partijiet għall-Ftehim, ir-Renju Unit ressaq offerta finali lill-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi fl-1 ta' Ottubru 2018. L-offerta finali ntbagħtet lill-Partijiet għall-Ftehim fit-2 ta' Ottubru 2018⁵. Hawn taħt jinsab sommarju tal-offerta finali tar-Renju Unit u l-valutazzjoni tagħha mill-Kummissjoni.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tippermetti li l-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, tapprova l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim, soġġett għat-termini stabbiliti fid-deċiżjoni mistennija tal-Kumitat GPA.

2.2 Il-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi

Il-Kumitat GPA ġie stabbilit biex jamministra l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Huwa magħmul minn rappreżentanti ta' kull Parti, tal-membri tad-WTO u ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi bl-istatus ta' osservaturi.

Bħall-Partijiet kollha l-oħrajn għall-Ftehim, l-Unjoni hija membru tal-Kumitat GPA, u hija rrapreżentata mill-Kummissjoni. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat GPA jittieħdu b'konsens.

2.3 Id-deċiżjoni mistennija tal-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi

Fil-laqgħa tal-Kumitat GPA tas-17 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni Ewropea, f'isem l-Unjoni espremiet il-qbil tagħha fil-prinċipju, li r-Renju Unit jaderixxi mal-Ftehim.

L-Unjoni tat il-qbil tagħha fil-prinċipju dejjem jekk it-termini tal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim ma jinbidlux għad-detriment tal-Unjoni, u sakemm l-interessi tal-Unjoni ma jiġux affettwati b'mod negattiv mill-pożizzjoni tal-Partijiet l-oħra għall-Ftehim.

Barra minn hekk, dan il-qbil fil-prinċipju ngħata mingħajr preġudizzju għan-negożjati tal-ftehim dwar il-ħruġ bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, li jista' jinkludi perjodu ta' tranżizzjoni li tulu r-Renju Unit jibqa' marbut mill-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim, u l-adeżjoni tar-Renju Unit isir effettiv ma' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

² https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/letter_from_eu_and_uk_permanent_representatives.pdf

³ Il-Lista ta' kontroll tal-kwistjonijiet fiha l-informazzjoni dwar il-konsistenza tas-sistema amministrattiva tal-akkwisti u l-qafas legali mar-rekwiżiti tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA)

⁴ L-applikazzjoni tar-Renju Unit tinsab fid-dokument GPA/146; L-offerta inizjali tar-Renju Unit għall-aċċess tas-suq tinsab fid-dokument GPA/ACC/GBR/1; It-tweġibiet tar-Renju Unit għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet jinsabu fid-dokument GPA/ACC/GBR/2

⁵ L-offerta finali tar-Renju Unit għall-aċċess tas-suq tinsab fid-dokument GPA/ACC/GBR/16

Waqf il-laqgħa tal-Kumitat GPA tat-28 ta' Novembru 2018, il-Partijiet kollha esprimew il-qbil fil-prinċipju tagħhom mal-adeżjoni għall-Ftehim tar-Renju Unit, filwaqt li kienu għadhom jiddiberaw dwar it-test preċiż li se jiġi adottat fi stadju aktar 'il quddiem.

Il-Kumitat GPA se jadotta deċiżjoni dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim u se jistipula t-termini ta' din l-adeżjoni.

Skont l-Artikolu XXII:2 tal-Ftehim rivedut *“Kwalunkwe Membru tad-WTO jista' jaderixxi ma' dan il-Ftehim skont termini li jiġu miftiehma bejn dak il-Membru u l-Partijiet, u dawn it-termini jkunu stipulati f'deċiżjoni tal-Kumitat. L-adeżjoni ssir billi jiġi ddepożitat mad-Direttur Ġenerali tad-WTO strument ta' adeżjoni li jistipula t-termini miftiehmin. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ għall-Membru li jaderixxi miegħu fit-30 jum wara li jiġi ddepożitat l-istrument ta' adeżjoni tiegħu”*⁶.

2.4. Il-kundizzjonijiet marbutin mal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim.

L-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim trid tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li se jkunu riflessi fl-att mistenni tal-Kumitat GPA.

Jekk ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni, li jkun jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit għandu jingħata permess jiddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu, dejjem jekk jagħmel dan:

- (a) mhux aktar kmieni minn tletin jum qabel id-data li fiha r-Renju Unit ma jibqax Stat Membru tal-Unjoni; u
- (b) fi żmien sitt xhur tad-data tad-deċiżjoni tal-Kumitat GPA, sakemm iż-żmien għas-sottomissjoni tal-istrument ma jittawwalx mill-Kumitat.

Madankollu, jekk qabel ma jgħaddu tletin jum wara li r-Renju Unit ikun iddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu mad-Direttur Ġenerali tad-WTO, l-Unjoni tinnotifika lill-Kumitat GPA li r-Renju Unit għadu kopert mill-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni, dak id-depożitu jitqies li ma jkunx sar fit-tifsira tal-Artikolu XXIV:2 tal-Ftehim tal-1994 u tal-Artikolu XXII:2 tal-Ftehim rivedut.

Jekk jiġi konkluż ftehim dwar il-ħruġ bejn l-Unjoni u r-Renju Unit li jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim li waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit irid jiġi ttratat bħala Stat Membru għall-finijiet tal-Ftehim. B'hekk, ir-Renju Unit ikun kopert mill-Ftehim sad-data ta' skadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni li tkun ġiet miftiehma.

F'dak il-każ, ir-Renju Unit ikun irid jissottometti għadd ta' Tweġibiet aġġornati għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet sa mhux aktar tard minn tletin xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Kumitat GPA imbagħad jirrevedi t-tweġibiet aġġornati għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet u jieħu qies ta' xi tkun id-deċiżjoni xierqa f'dak il-ħin.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. L-offerta finali tar-Renju Unit

L-offerta finali tar-Renju Unit tirreplika t-termini tal-iskeda tal-impenji attwali tal-Unjoni skont il-Ftehim sa fejn din tapplika għar-Renju Unit. L-għan tar-Renju Unit huwa li jiżgura li dawn it-termini jżommu l-istess livell ta' aċċess għas-suq għall-Partijiet l-oħrajn għall-Ftehim

⁶ Fil-Ftehim tal-1994 l-artikolu rilevanti huwa l-Artikolu XXIV:2

meta jaderixxi mal-Ftehim. Meta jirreplika t-termini tal-iskeda tal-Unjoni, ir-Renju Unit jeħtieġlu jagħmel l-addattamenti tekniċi li jqisu l-fatt li d-dritt tal-Unjoni ma jkunx għadu japplika għar-Renju Unit u fih.

L-impenji tal-aċċess għas-suq (limiti, entitajiet koperti, prodotti, servizzi, servizzi ta' kostruzzjoni u noti ġenerali)

Limiti

Il-limiti tar-Renju Unit fl-Anness 1, fl-Anness 2 u fl-Anness 3 jikkorrispondu mal-limiti li tapplika l-Unjoni għall-prodotti, għas-servizzi u għas-servizzi ta' kostruzzjoni.

Entitajiet

Fl-Anness 1 ("entitajiet tal-gvern ċentrali"), il-lista tal-entitajiet tar-Renju Unit tibqa' identika ma' dik tar-Renju Unit fl-iskeda tal-Unjoni, u għaldaqstant il-kopertura tibqa' l-istess kif inhi attwalment fl-iskema tal-Unjoni.

Meta l-funzjonijiet ta' xi entità elenkata f'dan l-Anness ikunu ġew ittrasferiti jew jiġu ttrasferiti għal entità oħra, li tkun hi stess awtorità kontraenti, sabiex ir-Renju Unit jiżgura li dan ma jkunx ifisser telf ta' aċċess għas-suq, ikompli jiċċara fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1, li l-entità suċċessur trid titqies li hi inklużi f'dan l-Anness. Barra minn hekk, fejn kien rilevanti, ir-Renju Unit daħħal ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni domestika tar-Renju Unit u mhux għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Għall-finijiet ta' tqabbil, l-Anness 1 tal-iskeda tal-Unjoni, dwar l-entitajiet tal-gvernijiet ċentrali, fih erba' kategoriji li jipprovdu diversi livelli ta' aċċess għal-akkwist fil-paragrafi 1 sa 4. Fl-offerta finali tiegħu, ir-Renju Unit ta l-akbar kopertura possibbli lill-Unjoni, inklużi l-entitajiet tal-gvern ċentrali kollha tar-Renju Unit (il-paragrafu 1).

Il-paragrafu 2 tal-offerta finali tar-Renju Unit ikopri l-Partijiet kollha li mhumix elenkati fil-paragrafu 1.

L-Anness 1 fih erba' noti. L-offerta finali tar-Renju Unit tirreplika r-riżervi li għandha l-Unjoni għal xi Partijiet.

Fl-Anness 2 ("entitajiet tal-gvern sottoċentrali"), l-offerta finali tar-Renju Unit tagħti l-kopertura ta' entitajiet governattivi sottoċentrali kif inhuma attwalment taħt il-kopertura tal-Unjoni skont il-Ftehim.

Madankollu, ir-referenzi għar-Reġjuni NUTS tal-Unjoni kif huma ddefiniti fid-dritt tal-Unjoni ġew issostitwiti mill-Unitajiet Territorjali tar-Renju Unit stabbiliti fin-Nota 3 tal-Anness 7 (ara hawn isfel, taħt Noti Ġenerali).

Fil-paragrafu 2 tal-Anness 2, ir-Renju Unit baqa' jsegwi l-approċċ ibbażat fuq id-definizzjonijiet, kif inhu l-każ fil-preżent fl-iskeda tal-Unjoni, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kopertura ta' "korpi rregolati mid-dritt pubbliku". L-offerta finali tar-Renju Unit tiddefinixxi l-korpi rregolati mid-dritt pubbliku għall-Ingilterra, Wales, l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq b'referenza għal-leġiżlazzjoni domestika tar-Renju Unit u mhux għad-dritt tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, ir-Renju Unit jipprevedi l-lista indikattiva tal-awtoritajiet kontraenti li huma korpi rregolati mid-dritt pubbliku li għadu identiku għal dak tar-Renju Unit fl-iskeda tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-kopertura tar-Renju Unit għadha l-istess bħal dik fl-iskeda tal-Unjoni.

L-Anness 2 fih erba' noti. L-offerta finali tar-Renju Unit tirreplika r-riżervi li għandha l-Unjoni Ewropea għal xi Partijiet. Fin-nota 2, rigward ir-riżerva tar-Renju Unit *vis-à-vis* il-Ġappun, il-Korea u l-Istati Uniti b'rabta mal-impriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs), jenħtieġ addattament. Id-definizzjoni ta' SME se tkun kif previst fil-leġiżlazzjoni domestika

tar-Renju Unit, u mhux kif inhi fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit (ir-Regolament 112 (4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi tal-2015) tirreferi direttament għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

L-iskeda tar-Renju Unit tirreplika r-riżervi li għandha l-Unjoni għal xi Partijiet.

Fl-Anness 3 ("entitajiet oħrajn"), l-offerta finali tar-Renju Unit tagħti l-kopertura dwar l-entitajiet tal-akkwist li jaħdmu fis-settur tal-utilitajiet, u dan ukoll jirreplika l-iskeda tal-Unjoni.

Iżda jenħtieġu xi addattamenti tekniċi żgħar f'dak l-Anness. L-offerta finali tar-Renju Unit ma fihix referenzi għad-dritt tal-Unjoni, iżda għal-leġiżlazzjoni domestika tar-Renju Unit: eż. rigward il-kunċetti ta' "impriża pubblika" u ta' "influenza predominanti".

Il-listi indikattivi tal-entitajiet għadhom identiċi għal dawk tar-Renju Unit fl-iskeda tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-kopertura tar-Renju Unit għadha l-istess bħal dik fl-iskeda tal-Unjoni.

L-Anness 3 fih tmien noti. L-offerta finali tar-Renju Unit tirreplika r-riżervi li għandha l-Unjoni għal xi Partijiet.

Prodotti

L-Anness 4 tal-offerta finali tar-Renju Unit tkopri l-istess prodotti li hemm fl-iskeda tal-Unjoni.

Servizzi

Fl-Anness 5, l-offerta finali tar-Renju Unit tkopri s-servizzi kif huma koperti bħalissa fl-iskeda tal-Unjoni.

Is-servizzi tal-kostruzzjoni u l-konċessjonijiet ta' xogħlijiet

Fil-punt 2 tal-Anness 6 tal-offerta finali tiegħu, ir-Renju Unit joffri l-aċċess tas-suq għall-kuntratti ta' konċessjoni ta' xogħlijiet lill-fornituri tas-servizzi tal-kostruzzjoni mis-suq tal-Unjoni li huma ugwali għal-limitu ta' 5,000,000 SDR (drittijiet speċjali ta' prelevament) jew iżjed.

Barra minn hekk, ir-Renju Unit jirreplika r-riżerva li għamlet l-Unjoni fin-nota tal-Anness 6.

Noti Ġenerali

Fl-Anness 7 r-Renju Unit jipprovdi l-lista tal-Unitajiet Territorjali tiegħu għall-finijiet tal-paragrafu 1 tal-Anness 2, tan-Nota 1 fl-Anness 2 u tan-Nota 6 fl-Anness 3. Dawn jirreplikaw ir-reġjuni NUTS tar-Renju Unit kif inhuma ddefiniti bħalissa fir-Regolament 1059/2003⁷.

3.2. II-Valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Offerta tar-Renju Unit

L-offerta finali tar-Renju Unit tirreplika l-iskeda attwali tal-Unjoni fejn din tapplika għar-Renju Unit, b'xi addattamenti tekniċi żgħar. Billi l-iskeda tal-Unjoni hija diġà komprensiva ħafna f'dak li jirrigwarda l-entitajiet, il-prodotti u s-servizzi li hemm koperti, u tipprevedi ftuħ sinifikanti tas-swieq tal-akkwist, meta jaderixxi għall-Ftehim ir-Renju Unit se jibqa' jżomm il-livell wiesa' ta' ftuħ attwali tas-suq tal-akkwisti tiegħu għall-Partijiet għall-Ftehim.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS)

F'dak li jirrigwarda l-aċċess tas-suq għall-prodotti, għas-servizzi u għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni, l-offerta finali tar-Renju Unit hija tajba, billi r-Renju Unit joffri l-kopertura massima lill-Unjoni li tista' tingħata lill-Partijiet (ara b'mod partikolari l-Anness 1 għall-awtoritajiet kontraenti tal-gvern ċentrali, u l-Anness 6 għall-konċessjonijiet ta' xogħlijiet).

Billi l-offerta finali tar-Renju Unit tirreplika l-iskeda ta' impenji tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-kopertura, u billi r-Renju Unit huwa lest li jagħti l-ogħla livell ta' aċċess għas-suq li jista' jingħata lill-Partijiet lill-Unjoni, din se tagħti trattament reċiproku u fejn hemm bżonn taddatta l-iskeda tagħha, sabiex tagħti l-fornituri tal-prodotti u tas-servizzi u l-provdituri tas-servizzi l-aċċess għall-akkwisti kopert mill-iskeda tal-Unjoni.

L-emendi konsekwenzjali fl-iskeda tal-Unjoni, li jikkonsistu mit-termini tal-Unjoni għall-adeżjoni tar-Renju Unit (kif stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni) se jinhemżu mad-deċiżjoni li se tiġi adottata mill-Kumitat GPA u b'hekk isiru parti mit-termini tal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim. L-emendi konsekwenzjali se jkunu riflessi fl-iskeda tal-Unjoni fl-Appendiċi I tal-Ftehim, kif ġej:

- It-taqsim 2 tal-Anness 1 (L-awtoritajiet kontraenti tal-Gvernijiet Ċentrali tal-Istati Membri tal-UE), il-punt 1:

Ir-Renju Unit se jiddaħħal fil-lista tal-Partijiet għall-Ftehim li għandhom aċċess għall-akkwist tal-awtoritajiet kontraenti kollha tal-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri tal-Unjoni.

- It-Taqsim 2 tal-Anness 6, (Kuntratti tal-konċessjonijiet ta' xogħlijiet li jingħataw mill-entitajiet tal-Anness 1 u tal-Anness 2):
- Ir-Renju Unit se jiddaħħal fil-lista tal-Partijiet għall-Ftehim li għandhom aċċess għall-kuntratti tal-konċessjonijiet ta' xogħlijiet ta' valur ta' 5,000,000 SDR jew ogħla.
- In-nota ta' qiegħ il-paġna għat-titolu L-Impenji tal-Unjoni Ewropea tal-Appendiċi I:

Fl-iskeda tagħha fl-Appendiċi I, l-Unjoni se tiċċara li r-referenzi kollha għall-awtoritajiet kontraenti u għall-entitajiet kontraenti tar-Renju Unit li bħalissa jinsabu fl-iskeda tal-Unjoni jiskadu.

Ir-riżervi tal-Partijiet l-Oħrajn

Jekk xi Parti oħra għall-Ftehim tinkludi xi restrizzjonijiet jew konċessjonijiet speċifiċi fil-kopertura tagħha rigward ir-Renju Unit, dan ikun irid jiġi rifless fid-deċiżjoni tal-Kumitat GPA bħala t-termini tal-adeżjoni tar-Renju Unit ta' dik il-Parti. Madankollu, kwalunkwe restrizzjonijiet jew konċessjonijiet ta' dan it-tip mill-kopertura ta' Parti li jkunu speċifiċi għar-Renju Unit ma jkunux jaffettwaw l-offerta finali tar-Renju Unit deskritt hawn fuq jew il-kopertura miftiehma b'mod reċiproku fost il-Partijiet attwali għall-Ftehim.

Rakkomandazzjoni

L-adeżjoni tar-Renju Unit għall-Ftehim hija mistennija żżomm il-livell attwali ta' ftuħ internazzjonali tas-swieq tal-akkwisti pubbliċi. Wara l-adeżjoni tiegħu għall-Ftehim, ir-Renju Unit se jibqa' soġġett għad-drittijiet u l-obbligi li għandu bħalissa skont il-Ftehim bħala Stat Membru tal-Unjoni abbażi tal-impenji attwali li hemm fl-iskeda tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-offerta finali tar-Renju Unit tkun aċċettata soġġett għat-termini tal-Unjoni tal-adeżjoni tar-Renju Unit għall-Ftehim.

Għaldaqstant, huwa propost li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tesprimi fil-Kumitat GPA il-pożizzjoni tal-Unjoni favur l-adeżjoni tar-Renju Unit soġġett għat-termini li ġejjin li jridu jiġu riflessi fid-deċiżjoni tal-Kumitat GPA:

Jekk ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni, li jkun jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit għandu jingħata permess jiddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu, dejjem jekk jagħmel dan:

- (a) mhux aktar kmieni minn tletin jum qabel id-data li fiha r-Renju Unit ma jibqax Stat Membru tal-Unjoni; u
- (b) fi żmien sitt xhur tad-data tad-deċiżjoni tal-Kumitat GPA, sakemm iż-żmien għas-sottomissjoni tal-istrument ma jittawwalx mill-Kumitat.

Jekk qabel ma jgħaddu tletin jum wara li r-Renju Unit ikun iddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu, l-Unjoni Ewropea tinnotifika lill-Kumitat GPA li r-Renju Unit għadu kopert mill-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni, dak id-depożitu jitqies li ma jkunx sar fit-tifsira tal-Artikolu XXIV:2 tal-Ftehim tal-1994 u tal-Artikolu XXII:2 tal-Ftehim rivedut.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tibgħat din in-notifika f'isem l-Unjoni jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet.

Jekk jiġi konkluż ftehim dwar il-ħruġ bejn l-Unjoni u r-Renju Unit li jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim li waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit irid jiġi ttratat bħala Stat Membru għall-finijiet tal-Ftehim. B'hekk, ir-Renju Unit ikun kopert mill-Ftehim sad-data ta' skadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni li tkun ġiet miftiehma.

F'dak il-każ, ir-Renju Unit ikun irid jissottometti għadd ta' Tweġibiet aġġornati għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet sa mhux aktar tard minn tlet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Kumitat GPA imbagħad jirrevedi t-tweġibiet aġġornati tar-Renju Unit għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet u jieħu qies ta' xi tkun id-deċiżjoni xierqa f'dak il-ħin.

4. BAŻI LEGALI

4.1 Il-bażi legali proċedurali

4.1.1. Il-prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjoni *“li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali minħabba li r-regoli tal-leġislazzjoni internazzjonali jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont il-leġislazzjoni internazzjonali, iżda li jkunu *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatur tal-Unjoni”*⁸.

4.1.2. L-applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat GPA huwa korp imwaqqaf minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi.

L-att li huwa msejjaħ li jadotta l-Kumitat GPA jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali.

⁸ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

L-att previst ma jissupplimentax jew jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Il-bażi legali sostantiva

4.2.1. Il-prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi diversi għanijiet jew ikollu diversi komponenti u jekk wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat li hu dak ewlieni, filwaqt li l-oħrajn ikunu biss inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jeħtieġ li tkun imsejsa fuq bażi legali sostanzjali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. L-applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma b'rabta mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostanzjali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi rigward l-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Parti għall-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi ("il-Ftehim") u l-Istati Membri tagħha huma koperti mill-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni.
- (2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika dwar l-intenzjoni tiegħu li jōhroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ, jew fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara dik in-notifika, jigiifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu. Minn dik id-data, il-Ftehim b'mod awtomatiku ma jibqax japplika għar-Renju Unit.
- (3) Fl-1 ta' Ġunju 2018, ir-Renju Unit, bl-appoġġ tal-Unjoni, applika biex jaderixxi mal-Ftehim.
- (4) Skont l-Artikolu XXII:2 tal-Ftehim rivedut kwalunkwe Membru tad-WTO jista' jaderixxi ma' dak il-Ftehim skont termini li jiġu miftiehma bejn dak il-Membru u l-Partijiet, skont termini ddikjarati f'deċiżjoni tal-Kumitat. L-adeżjoni trid issir billi jiġi ddepożitat mad-Direttur Ġenerali tad-WTO strument ta' adeżjoni li jistipula t-termini miftehmin. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ għall-Membru li jaderixxi miegħu fit-30 jum wara li jiġi ddepożitat l-istrument ta' adeżjoni tiegħu.
- (5) L-impenji tar-Renju Unit dwar il-kopertura tal-aċċess għas-suq tal-akkwisti pubbliċi huma stipulati fl-offerta finali tiegħu li ntbagħtu lill-Partijiet għall-Ftehim fit-2 ta' Ottubru 2018.
- (6) L-offerta finali tar-Renju Unit hija xierqa billi l-impenji tal-kopertura li r-Renju Unit joffri lill-Unjoni huma l-kopertura massima li għandu r-Renju Unit skont l-iskeda GPA tal-Unjoni, li tikkorrispondi mal-kopertura li għandu attwalment ir-Renju Unit skont l-iskeda tal-Unjoni bħala Stat Membru. Jenħtieġ li l-Unjoni tipprovdi trattament reċiproku u taddatta l-iskeda tagħha sabiex tipprovdi livell ta' aċċess korrispondenti għall-operaturi ekonomiċi tar-Renju Unit skont il-Ftehim. Barra minn hekk, huma meħtieġa l-kjarifiki fl-iskeda tal-Unjoni fl-Appendiċi I tal-Ftehim rivedut billi r-Renju Unit mhuwiex se jibqa' kopert minn dik l-iskeda skont il-Ftehim. Dawn it-termini, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, se jsiru parti mit-termini tal-adeżjoni mal-

Ftehim għar-Renju Unit u se jkunu riflessi fid-deċiżjoni li tiġi adottata mill-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi (“il-Kumitat GPA”) mal-adeżjoni tar-Renju Unit.

- (7) Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kumitat GPA b’rabta mal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim.
- (8) F’każ li jkun hemm ftehim dwar il-ħruġ bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni li jipprevedi perjodu ta’ tranżizzjoni li fih ikun japplika d-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih, jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika lill-Partijiet l-oħrajn għall-Ftehim li r-Renju Unit irid jiġi ttrattat bħala Stat Membru għall-finijiet tal-Ftehim matul dan il-perjodu ta’ tranżizzjoni. B’hekk, ir-Renju Unit ikun kopert mill-Ftehim sad-data ta’ skadenza tal-perjodu ta’ tranżizzjoni li tkun ġiet miftiehma. F’dak il-każ, jenħtieġ li r-Renju Unit jissottometti għadd ta’ Tweġibiet aġġornati għal-Lista ta’ Kontroll tal-Kwistjonijiet sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu ta’ tranżizzjoni. Il-Kumitat GPA imbagħad jirrevedi t-tweġibiet aġġornati tar-Renju Unit għal-Lista ta’ Kontroll tal-Kwistjonijiet u jieħu qies ta’ xi tkun id-deċiżjoni xierqa f’dak il-ħin.
- (9) Filwaqt li r-Renju Unit ma jkunx sar pajjiż terz meta l-Kumitat GPA jiddeċiedi dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim, huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura li l-Ftehim jidħol fis-seħħ għar-Renju Unit mid-data wara dik li fiha d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih. Sal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa’ Stat Membru li jgawdi d-drittijiet kollha u marbut bl-obbligi kollha tat-Trattati, fost dawn il-konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera.
- (10) Jekk id-dritt tal-Unjoni jibqa’ japplika għar-Renju Unit u fih, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tinnotifika lill-Kumitat GPA, f’isem l-Unjoni fi żmien 30 jum tad-depożitu tal-istrument ta’ adeżjoni tar-Renju Unit, li r-Renju Unit għadu kopert mill-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem il-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi (“il-Kumitat GPA”) għandha tkun li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (“il-Ftehim”), soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 ta’ din id-Deċiżjoni u għat-termini tal-adeżjoni stabbiliti fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni dment li l-interessi tal-Unjoni ma jiġux affettwati b’mod negattiv mill-pożizzjoni ta’ Partijiet oħrajn għall-Ftehim.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni skont l-Artikolu 1 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li d-deċiżjoni tal-Kumitat GPA jkun fiha d-dispożizzjonijiet li jiżguraw dan li ġej:

- (1) jekk ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni, li jkun jipprevedi perjodu ta’ tranżizzjoni, ir-Renju Unit għandu l-permess jiddepożita l-istrument ta’ adeżjoni tiegħu mad-Direttur Ġenerali tad-WTO, dejjem jekk jagħmel dan:
 - (a) mhux aktar kmieni minn 30 jum qabel id-data li fiha r-Renju Unit ma jibqax Stat Membru; u
 - (b) fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kumitat GPA, sakemm iż-żmien għas-sottomissjoni tal-istrument ma jittawwalx mill-Kumitat;

- (2) jekk qabel ma jgħaddu 30 jum wara li r-Renju Unit ikun iddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu, l-Unjoni tinnotifika lill-Kumitat GPA li r-Renju Unit għadu kopert mill-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni, dak id-depożitu jitqies li ma jkunx sar fit-tifsira tal-Artikolu XXIV:2 tal-Ftehim tal-1994 u tal-Artikolu XXII:2 tal-Ftehim rivedut.

Artikolu 3

Jekk id-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit u fih, il-Kummissjoni hija awtorizzata tinnotifika lill-Kumitat GPA, f'isem l-Unjoni, fi żmien 30 jum tad-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni tar-Renju Unit, li r-Renju Unit għadu kopert mill-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*